Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-10 ta’ Diċembru 2020[1]

**Kawża C-784/19**

**“TEAM POWER EUROPE” EOOD**
**vs**
**Direktor na Teritorialna direktsia na Natsionalna agentsia za prihodite – Varna**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta’ Varna, il-Bulgarija))

“Domanda preliminari – Kollokament ta’ ħaddiema – Sigurtà soċjali – Leġiżlazzjoni applikabbli – Regolament (KE) Nru 883/2004 – Artikolu 12(1) – Regolament (KE) Nru 987/2009 – Artikolu 14(2) – Impriża li tipprovdi ħaddiema temporanji – Natura abitwali tal-eżerċizzju tal-attività – Determinazzjoni tal-Istat Membru li fih il-persuna li timpjega teżerċita normalment l-attivitajiet tagħha – Obbligu li titwettaq parti sinjifikattiva mill-attività ta’ trasferiment ta’ ħaddiema temporanji għall-benefiċċju ta’ impriżi stabbiliti fl-istess Stat Membru”

1. Ħaddiema huma impjegati mill-impriżi ta’ xogħol temporanju (iktar ’il quddiem l-“ITT”) bil-għan li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta’ impriżi oħra (iktar ’il quddiem l-“utenti jew ċessjonarji”). Skont il-kuntratti ta’ xogħol temporanju konklużi bejn l-ITT u l-impriża utenti, il-ħaddiema tal-ITT, li għandhom ir-relazzjoni ta’ xogħol tagħhom ma’ ITT stess, jibqgħu taħt il-kontroll u s-setgħa ta’ direzzjoni tal-utent.

2. Fil-kuntest tat-tilwima li wasslet għal dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju hija mitluba tiddeċiedi taħt liema leġiżlazzjoni ta’ sigurtà soċjali huwa suġġett ħaddiem Bulgaru li temporanjament tqiegħed għad-dispożizzjoni ta’ persuna li timpjega Ġermaniża minn ITT li għandha s-sede tagħha fil-Bulgarija.

3. Sabiex tiddeċiedi din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009[2], moqri flimkien mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004[3].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU 2009, L 284, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 (ĠU 2012, L 149, p. 4).

[3] Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), ukoll emendat bir-Regolament Nru 465/2012. Ir-Regolament Nru 883/2004 ħassar, b’effett mill-1 ta’ Mejju 2010, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta’ Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta’ l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 631/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

4. It-tweġiba għad-dubji tagħha teħtieġ li tiġi ppreċiżata liema hi, eżattament, in-natura tal-*attivitajiet sinjifikattivi* tal-ITT. B'mod iktar partikolari, għandha tiġi stabbilita d-demarkazzjoni bejn l-"attivitajiet sostanzjali" u l-"attivitajiet ta' sempliċi ġestjoni interna" ta' dawn it-tipi ta' impriżi.

5. Permezz ta' dawn iż-żewġ espressjonijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta, fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 987/2009, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004. Issa, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tippreċiża din il-ġurisprudenza fir-rigward tal-ITT.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Ir-Regolament Nru 883/2004*

6. Skont l-Artikolu 2(1) ("Persuni koperti"):

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal ċittadini ta' Stat Membru, persuni mingħajr Stat u refuġjati li għandhom ir-residenza tagħhom fi Stat Membru li huma jew li kienu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru jew ta' aktar minn Stat Membru wieħed, kif ukoll għall-membri tal-familji tagħhom u għas-superstiti tagħhom".

7. L-Artikolu 11 ("Regoli ġenerali") jipprovdi:

"1. Il-persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss. Din il-leġiżlazzjoni għandha tkun determinata skont dan it-Titolu.

[…]

3. Bla ħsara għall-Artikolu 12 sa 16:

a) persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha fi Stat Membru għandha tkun suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru;

[…]".

8. Skont l-Artikolu 12(1) ("Regoli speċjali"):

"Persuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem min iħaddem, li normalment twettaq l-attivitajiet tagħha hemmhekk, u li tintbagħat minn dak li jħaddem fi Stat Membru ieħor biex taħdem f'isem minn iħaddem, għandha tibqa' soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru, sakemm ix-xogħol mhux maħsub li jdum aktar minn 24 xahar u sakemm din il-persuna ma ntbagħtitx biex tieħu post persuna stazzjonata oħra".

### *2. Ir-Regolament Nru 987/2009*

9. L-Artikolu 14(2) ("Dettalji relatati mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament [Nru 883/2004]"), jipprovdi:

"Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku, il-kliem "li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk" għandhom jirriferu għal persuna li tħaddem li ordinarjament twettaq attivitajiet sostanzjali, minbarra attivitajiet purament interni ta' ġestjoni, fit-territorju tal-Istat Membru li fih tali persuna tkun stabbilita. [...]".

10. Skont l-Artikolu 19 ("L-għoti ta' informazzjoni lil persuni kkonċernati u lil min iħaddem"):

"1. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġislazzjoni ssir applikabbli taħt it-Titolu II tar-Regolament bażiku għandha tinforma lill-persuna kkonċernata u, fejn ikun il-każ, lil min iħaddimha (iħaddmuha) dwar l-obbligi stabbiliti f'dik il-leġislazzjoni. Hija għandha tagħtihom l-għajnuna meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet mitluba minn dik il-leġislazzjoni.

2. Fuq talba tal-persuna kkonċernata jew ta' min iħaddimha, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu l-leġiżlazzjoni hija applikabbli taħt it-Titolu II tar-Regolament [Nru 883/2004] għandha tipprovdi attestazzjoni li tali leġiżlazzjoni hija applikabbli u għandha tindika, fejn ikun il-każ, sa liema data u taħt liema kondizzjonijiet."

### *3. Id-Direttiva 96/71/KE*[4]

11. L-Artikolu 1 jistipula:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru li, fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi transnazzjonali, jimpjegaw ħaddiema skont il-paragrafu 3, fit-territorju ta' Stat Membru.

[...]

3. Din id-Direttiva għandha tapplika sa fejn l-impriżi msemmija fil-paragrafu 1 jieħdu waħda mill-miżuri transnazzjonali li ġejjin:

[...]

c) billi jkunu impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju, ifornu ħaddiem lil impriża utenti stabbilita jew li topera fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju u l-ħaddiem matul il-perijodu tal-istazzjonament.

Meta ħaddiem li jkun ġie fornut minn impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju lil impriża utenti kif imsemmi fil-punt (c) ikun ser iwettaq ħidma fil-qafas tal-forniment transnazzjonali ta' servizzi fis-sens tal-punt (a), (b) jew (c) mill-impriża utenti fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak fejn il-ħaddiem jaħdem normalment għall-impriża ta' impjieg temporanju

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66). Il-formulazzjoni ta' dan l-Artikolu 1 tirriproduċi l-emendi introdotti bid-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU 2018, L 173, p. 16).

jew aġenzija ta' kollokament temporanju, jew għall-impriża utenti, il-ħaddiem għandu jitqies li jkun stazzjonat fit-territorju ta' dak l-Istat Membru mill-impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament li l-ħaddiem ikollu relazzjoni ta' impjieg magħha. L-impriża ta' impjieg temporanju jew l-aġenzija ta' kollokament għandha titqies li tkun impriża kif imsemmi fil-paragrafu 1 u għandha tikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva u tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[…]"

### *4. Id-Direttiva 2008/104/KE*[5]

12. Skont l-Artikolu 1 ("Kamp ta' applikazzjoni"):

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija ta' xogħol temporanju li huma assenjati għal impriżi utenti biex jaħdmu b'mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom.

[…]"

13. L-Artikolu 2, intitolat "Għan", jipprovdi:

"Il-fini ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta' trattament ugwali, kif imniżżel fl-Artikolu 5, ikun applikat għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija. u billi tirrikonoxxi lill-aġenziji ta' xogħol temporanju bħala entitajiet li jħaddmu, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol".

### *5. Id-Direttiva (UE) 2014/67/UE*[6]

14. Skont l-Artikolu 4 ("Identifikazzjoni ta' stazzjonament ġenwin u l-prevenzjoni tal-abbuż u l-evażjoni tar-regoli"):

"1. Għall-fini tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li huma meqjusa neċessarji, inklużi, b'mod partikolari, dawk stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-elementi huma maħsuba biex jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti meta jwettqu verifiki u kontrolli u meta jkollhom raġuni biex jemmnu li ħaddiem jista' ma jikkwalifikax għal ħaddiem stazzjonat skont id-Direttiva 96/71/KE. Dawk l-elementi huma fatturi indikattivi fl-evalwazzjoni komplessiva li għandha ssir u għalhekk ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat.

[5] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU 2008, L 327, p. 9).

[6] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU 2014, L 159, p. 11).

2. Sabiex jiġi determinat jekk impriża twettaqx attivitajiet sostanzjali b'mod ġenwin, għajr attivitajiet biss ta' ġestjoni interni u/jew amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu valutazzjoni ġenerali tal-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dawk l-attivitajiet, filwqt li jqisu skadenza ta' żmien aktar wiesa', imwettqa minn impriża fl-Istat Membru ta' stabbiliment u, fejn neċessarju, fl-Istat Membru ospitanti. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu, b'mod partikolari:

a) il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju rreġistrat u l-amministrazzjoni tagħha, tokkupa l-ispazju ta' uffiċċju, tħallas it-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u, fejn ikun applikabbli, skont il-liġi nazzjonali għandha l-liċenzja professjonali jew hija rreġistrata mal-kamra tal-kummerċ jew entitajiet professjonali;

b) il-post fejn jiġu reklutati l-ħaddiema stazzjonati u li minnu jiġu stazzjonati;

c) il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha, minn naħa, u mal-klijenti tagħha, min-naħa l-oħra;

d) il-post fejn l-impriża twettaq l-attività sostanzjali ta' negozju tagħha u fejn timpjega persunal amministrattiv;

e) l-għadd ta' kuntratti mwettqa u/jew id-daqs ta' fatturat imwettaq fl-Istat Membru ta' stabbiliment, filwaqt li tiġi meqjusa s-sitwazzjoni speċifika ta' impriżi, fosthom, impriżi li għadhom kif ġew stabbiliti u SMEs."

### *B. Id-dritt Bulgaru*

15. L-Artikolu 107p tal-Kodeks na truda (il-Kodiċi tax-Xogħol) jipprovdi:

"(1) Fil-kuntratt ta' xogħol konkluż ma' [ITT], huwa previst li l-ħaddiem jiġi kkollokat ma' impriża ċessjonarja sabiex jaħdem magħha temporanjament, taħt il-kontroll u d-direzzjoni ta' din l-impriża ċessjonarja.

[...]

(7) L-[ITT] għandhom jeżerċitaw l-attività tagħhom wara r-reġistrazzjoni mal-Aġenzija tal-Impjieg, skont il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet stabbiliti miż-zakon za nasarchvane na zaetostta (il-Liġi għall-Promozzjoni tal-Impjieg)".

16. L-Artikolu 4 tal-Kodeks za sotsialnoto osiguryavane (il-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali) jipprevedi:

"Huma neċessarjament koperti mir-riskji ta' mard komuni u tal-maternità, invalidità li tirriżulta minn mard komuni, minn xjuħija jew minħabba mewt, minn inċident fuq il-post tax-xogħol, minn mard ikkaġunat mix-xogħol u minn qgħad skont dan il-kodiċi, il-ħaddiema u l-impjegati, tkun xi tkun in-natura tax-xogħol tagħhom, il-metodu ta' remunerazzjoni u s-sors tad-dħul tagħhom [...]".

17. L-Artikolu 2(1) tan-Naredba za sluzhebnite komandirovki i spetsializatsii v chuzhbina (id-Digriet dwar il-Kollokament ta' Ħaddiema u l-Prattiċi ta' Speċjalizzazzjoni Barra mill-Pajjiż) jipprovdi:

"Il-kollokament barra mill-pajjiż jikkonsisti f'li persuna tintbagħat barra mill-pajjiż sabiex twettaq xogħol preċiż fuq ordni tal-entità li tibgħat il-persuna".

## II. Il-fatti, il-kawża u d-domanda preliminari

18. "Team Power Europe" EOOD (iktar 'il quddiem "Team Power") hija impriża kkostitwita skont id-dritt Bulgaru li tipprovdi servizzi ta' xogħol temporanju u ta' kollokament.

19. Team Power hija rreġistrata bħala ITT mal-Agentsia po zaetostta (l-Aġenzija tal-Impjieg, il-Bulgarija) u għandha liċenzja uffiċjali għat-trasferiment ta' persunal fil-Ġermanja[7].

20. Fit-8 ta' Ottubru 2018, Team Power ikkonkludiet kuntratt ta' xogħol ma' ċittadin Bulgaru (iktar 'il quddiem il-"ħaddiem"), li permezz tiegħu dan tal-aħħar kien ser jikkolloka fil-Ġermanja, sabiex ikun għad-dispożizzjoni tal-kumpannija CLW Clausthaler Laser- und Werkstofftechnik GmbH, taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza ta' din tal-aħħar.

21. F'dan il-kuntratt, ġie miftiehem li l-kompiti tal-impjegat (bħala "operatur tal-magni – ipproċessar tal-metall") kellhom jiġu stabbiliti miċ-ċessjonarju u li Team Power kellha tħallas is-salarju.

22. Fid-9 ta' Mejju 2019, Team Power talbet lit-Teritorialna direktsia na Natsionalna agentsia po prihodite (id-Direttorat Territorjali tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul, il-Bulgarija) ċertifikat A1 li jiċċertifika li, matul il-perijodu ta' trasferiment tal-ħaddiem, dan kien suġġett għad-dritt Bulgaru.

23. Din it-talba kienet tindika li, waqt it-trasferiment, ir-relazzjoni ta' xogħol bejn il-ħaddiem u Team Power kienet tippersisti u li din tal-aħħar kienet obbligata tħallsu s-salarju u li żżommu bħala affiljat mas-sigurtà soċjali u mal-assigurazzjoni għall-mard.

24. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Mejju 2019, l-awtorità amministrattiva kompetenti rrifjutat li toħroġ iċ-ċertifikat mitlub, minħabba li ż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi sabiex il-ħaddiem jibqa' suġġett għal-leġiżlazzjoni Bulgara tas-sigurtà soċjali ma kinux issodisfatti: ir-rabta diretta bejn il-ħaddiem u l-persuna li timpjega ma kinitx miżmuma u din tal-aħħar ma kinitx teżerċita parti sinjifikattiva tal-attività tagħha fil-Bulgarija.

25. Din iċ-ċaħda ġiet ikkonfermata permezz ta' deċiżjoni amministrattiva tal-11 ta' Ġunju 2019 tad-Direktor na Teritorialna direktsia na Natsionalna agentsia za prihodite – Varna (id-Direttur tad-Direttorat Territorjali tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul tal-Belt ta' Varna).

7 Il-liċenzja nħarġet mill-Agentur für Arbeit Düsseldorf (l-Uffiċċju tal-Impjieg ta' Düsseldorf), li jappartjeni lill-Bundesagentur für Arbeit (l-Aġenzija Federali tal-Impjieg, il-Ġermanja).

26. Rikors ġudizzjarju ppreżentat quddiem l-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija), jagħmel id-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 14(2) tar-Regolament [Nru 987/2009] għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex [ITT] tkun tista' titqies li teżerċita normalment l-attivitjaiet tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita, huwa meħtieġ li parti sinjfikattiva mill-attività tagħha ta' tqegħid ta' persunal għad-dispożizzjoni tkun ipprovduta lil impriżi utenti li jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru?"

27. Skont il-qorti tar-rinviju:

– Il-ġurisprudenza tagħha dwar it-twettiq tat-tieni kundizzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004 ma hijiex uniformi. Id-diverġenza tirriżulta minn interpretazzjonijiet diverġenti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 987/2009, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-persuna li timpjega teżerċitax "attivitajiet sostanzjali" fl-Istat Membru ta' stabbiliment.

– Fil-verifika tal-osservanza ta' din il-kundizzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet tal-persuna li timpjega, fosthom dawk imsemmija fil-punti 42 u 43 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Frar 2000, FTS[8].

– Ftit jimporta li l-ħaddiem ikkollokat iwettaq, għall-konċessjonarju, kompiti li ma humiex l-attività prinċipali tal-persuna li timpjegah u tikkollokah. Konsegwentement, ITT normalment teżerċita l-attivitajiet tagħha fl-Istat Membru fejn hija stabbilita meta hija twettaq abitwalment attivitajiet sinjifikattivi fit-territorju ta' dan l-Istat.

28. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax jekk, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq: a) huwiex biżżejjed li l-persuna li timpjega tikkonkludi fl-Istat ta' trażmissjoni[9] (f'dan il-każ il-Bulgarija) kuntratti ta' xogħol mal-ħaddiema li hija tikkolloka fi Stat Membru ieħor (l-Istat tal-impjieg, f'dan il-każ il-Ġermanja); jew b) huwiex barra minn hekk indispensabbli li hija teżerċita attivitajiet ta' trasferiment ta' ħaddiema għall-klijenti li joperaw fit-territorju tal-ewwel Stat (il-Bulgarija).

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-pożizzjonijiet tal-partijiet

29. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' Ottubru 2019.

30. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Team Power, mill-Gvern Belġjan, Bulgaru, Estonjan, Finlandiż u dak Franċiż, kif ukoll mill-Kummissjoni. Bl-eċċezzjoni tal-Gvern Estonjan, huma lkoll dehru waqt is-seduta li nżammet fit-13 ta' Ottubru 2020, li għaliha intervjena wkoll il-Gvern Pollakk.

[8] Kawża C-202/97, EU:C:2000:75, iktar 'il quddiem is-"sentenza FTS".

[9] Jekk ikun il-każ, ser nuża t-termini "Stat ta' trażmissjoni" u "Stat ta' impjieg" sabiex nirreferi, rispettivament, għall-Istat li fih hija stabbilita l-ITT u l-Istat li fih l-impriża utenti timpjega l-ħaddiem ikkollokat hemmhekk. Din it-terminoloġija hija frekwenti fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali, stabbilita skont l-Artikolu 71 tar-Regolament Nru 883/2004 (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Amministrattiva").

## IV. Sunt tal-argumenti tal-partijiet

31. Team Power u l-Kummissjoni jaqblu fuq il-fatt li ITT li ma teżerċitax parti sinjifikattiva tal-attività tagħha ta' trasferiment ta' ħaddiema għall-impriżi utenti li joperaw fl-Istat ta' trażmissjoni, fejn hija stess hija stabbilita, tista' tibbenefika mid-deroga kontenzjuża.

32. Għal Team Power, fost il-kriterji kkunsidrati fis-sentenza FTS ma hemmx in-numru ta' kuntratti eżegwiti fl-Istat ta' trażmissjoni. Ir-riferiment għal dan il-fattur fid-Deċiżjoni A2 tat-12 ta' Ġunju 2009 tal-Kummissjoni Amministrattiva [10] ma għandux natura vinkolanti.

33. Team Power iżżid li lanqas il-kriterju tad-dħul mill-bejgħ ma għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, peress li ma jirriflettix il-karatteristiċi speċifiċi tal-ITT. Dawn il-karatteristiċi jwasslu sabiex jiġi eskluż it-teħid inkunsiderazzjoni ta' kriterji kwantitattivi.

34. Skont il-Kummissjoni, fid-dawl tal-karatteristiċi tagħha stess, huwa biżżejjed li ITT ikollha impjegati li jaħdmu fl-Istat ta' trażmissjoni u li tirrekluta ħaddiema li jkunu ser jitqiegħdu temporanjament għad-dispożizzjoni taċ-ċessjonarji. Ladarba din il-kundizzjoni tkun issodisfatta, xejn ma jwaqqaf lill-ITT milli tirrekluta ħaddiema sabiex tibgħathom biss lil ċessjonarji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

35. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika fatturi oħra sabiex teskludi l-abbuż ta' liġi jew l-użu frawdolenti tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni [11].

36. Il-Gvern Belġjan, Bulgaru, Estonjan, Finlandiż, Franċiż u dak Pollakk iqisu li l-ITT għandhom jeżerċitaw parti sinjifikattiva mill-attività tagħhom billi jittrasferixxu ħaddiema lil impriżi stabbiliti fl-Istat Membru ta' trażmissjoni. Dan jirriżulta mill-kriterji stabbiliti mis-sentenza FTS, imbagħad ikkodifikati mil-leġiżlatur tal-Unjoni u kkompletati bid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva u l-gwida prattika dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli [12], debitament adattati għall-karatteristiċi partikolari tal-ITT.

37. Il-pożizzjoni difiża mill-gvernijiet li pparteċipaw fil-proċedura hija bbażata fuq diversi argumenti:

– Mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva Nru 162 tal-31 ta' Mejju 1996 [13] jirriżulta li ITT normalment teżerċita l-attività tagħha fit-territorju ta' Stat Membru meta abitwalment tqiegħed ħaddiema għad-dispożizzjoni ta' impriżi ċessjonarji fit-territorju ta' dan l-Istat, sabiex jiġu impjegati hemmhekk. Huwa wkoll fuq din il-linja li tinsab il-gwida prattika.

– Fis-sentenza FTS, fid-Deċiżjoni A2 tal-2009 u fil-gwida prattika jissemma bħala kriterju ta' evalwazzjoni d-dħul mill-bejgħ matul perijodu sinjifikattiv f'kull Stat Membru. Peress li d-dħul

[10] Deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jaħdmu temporanjament barra l-Istat kompetenti (ĠU 2010, C 106, p. 5, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni A2 tal-2009").

[11] Il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika, pereżempju, jekk Team Power tittrasferixxix ħaddiema biss lil impriża Ġermaniża waħda jew lil żewġ impriżi Ġermaniżi; min kienu l-fundaturi tagħha u x'rabtiet għandha ma' dawn l-impriżi Ġermaniżi; jew kemm persuni għandha sabiex teżerċita l-attività tagħha fil-Bulgarija.

[12] Gwida prattika dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Unjoni Ewropea (UE), fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u fl-Isvizzera (https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=471&langId=fr&amp) (iktar 'il quddiem il-"gwida prattika").

[13] Deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 14(1) u 14b(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema kkollokati (ĠU 1996, L 241, p. 28, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 162 tal-1996").

mill-bejgħ ma jkunx sar fl-Istat tal-impriża konċessjonarja, għandu jiġi ddeterminat jekk l-ITT tipprovdix ħaddiema lill-impriżi tal-Istat ta' trażmissjoni jew biss lil dawk ta' Stati Membri oħra.

– Skont id-Deċiżjoni A2 tal-2009 u l-gwida prattika, kriterju rilevanti ieħor huwa n-numru ta' kuntratti eżegwiti fl-Istat Membru ta' trażmissjoni, meta mqabbel man-numru ta' kuntratti eżegwiti fi Stati Membri oħra.

– Ir-regoli f'dan il-qasam għandhom jiġu interpretati b'mod strett, peress li jidderogaw mir-regola ġenerali li tgħid li l-ħaddiema huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih jaħdmu.

– Din l-eċċezzjoni hija intiża sabiex jiġi evitat li persuna li timpjega li tibgħat il-persunal tagħha sabiex iwettaq ix-xogħol tiegħu fi Stat Membru ieħor għal perijodu limitat ikollha tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'dan tal-aħħar. Fil-każ ta' ITT, peress li l-impjegati jaħdmu għal impriża oħra, huma ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala "ħaddiema kkollokati" fis-sens tal-eċċezzjoni kontenzjuża.

– Għalkemm is-sentenza FTS ma ppreċiżatx in-natura tal-attivitajiet abitwali u karatteristiċi tal-ITT, mill-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali f'dik il-kawża [14] jirriżulta li huma għandhom jeżerċitaw attività kummerċjali ġenwina fl-Istat Membru ta' trażmissjoni. Dan ġie kkorroborat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-9 ta' Novembru 2000, Plum [15].

## V. Analiżi

### *A. Il-kunsiderazzjonijiet preliminari*

38. Id-domanda tal-qorti tar-rinviju hija preċiża ħafna: sabiex jiġi deċiż jekk ħaddiem li ġie rreklutat minn ITT Bulgara sabiex tpoġġih għad-dispożizzjoni ta' impriża Ġermaniża huwiex suġġett għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali Bulgara, din l-ITT għandha teżerċita parti sinjifikattiva mill-attività tagħha ta' trasferiment tal-ħaddiema fis-servizz ta' impriżi ċessjonarji stabbiliti fil-Bulgarija?

39. Ir-Regolament Nru 883/2004 fih "sistema kompleta u uniformi ta' regoli ta' kunflitt tal-liġijiet li l-għan tagħhom huwa li jissuġġettaw lill-ħaddiema li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni Ewropea għal skema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed, b'mod li jiġi evitat li jkunu applikabbli diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u li jiġu evitati l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn dan" [16].

40. F'din il-perspettiva, l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 883/2004 jipprovdi li l-persuni suġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss. Skont il-punt (a) tat-tielet subparagrafu tal-istess artikolu, dan l-Istat huwa dak fejn din il-persuna twettaq attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha. Il-*lex loci laboris* hija stabbilita b'dan il-mod.

14 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs (C-202/97, EU:C:1999:33).

15 Kawża C-404/98, EU:C:2000:607, iktar 'il quddiem is-"sentenza Plum".

16 Sentenza tas-6 ta' Frar 2018, Altun *et* (C-359/16, EU:C:2018:63, iktar 'il quddiem is-"sentenza Altun", punt 29, b'ċitazzjoni tal-ġurisprudenza).

41. Din ir-regola ta' kunflitt madankollu taċċetta l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004: "[p]ersuna li twettaq attività bħala persuna impjegata fi Stat Membru f'isem min iħaddem, li normalment twettaq l-attivitajiet tagħha hemmhekk, u li tintbagħat minn dak li jħaddem fi Stat Membru ieħor biex taħdem f'isem minn iħaddem, għandha tibqa' soġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-ewwel Stat Membru [...]" [17].

42. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni hija suġġetta għat-twettiq ta' żewġ kundizzjonijiet: a) iż-żamma ta' rabta organika [18] bejn il-persuna li timpjega u l-ħaddiem matul il-perijodu ta' kollokament; u b) il-persuna li timpjega teżerċita "b'mod regolari attivitajiet sinjifikattivi fit-territorju" tal-Istat ta' trażmissjoni [19].

43. Il-qorti tar-rinviju ma għandhiex dubju dwar l-eżistenza tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet (il-persistenza tar-rabta organika bejn l-ITT u l-ħaddiem) [20] u tiffoka fuq id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni tat-tieni waħda.

44. B'mod partikolari, dawn id-diffikultajiet ermenewtiċi jduru madwar il-kunċett ta' "eżerċizzju normali tal-attivitajiet tagħhom", li jkopri persuni li jimpjegaw li għandhom profil partikolari daqs l-ITT, li għalihom japplikaw ir-regoli tad-Direttiva 96/71 meta jaġixxu bħala "impriżi stabbiliti fi Stat Membru li, fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi transnazzjonali, jimpjegaw ħaddiema" (Artikolu 1(1) u (3) tad-Direttiva 96/71).

## *B. Kunċett ta' "eżerċizzju normali ta' attivitajiet"*

### *1. Attivitajiet sostanzjali u attivitajiet ta' ġestjoni interna*

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet ħsieb li tidentifika l-kunċett ta' "eżerċizzju normali ta' attivitajiet" fuq diversi deċennji, f'ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Manpower [21] u li ġiet inkorporata f'regoli suċċessivi tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tintlaħaq id-Direttiva 2014/67.

46. Ir-Regolament Nru 987/2009, li fuq l-interpretazzjoni tiegħu l-qorti tar-rinviju tistaqsi, jispeċifika, fl-Artikolu 14(2) tiegħu, li "l-kliem 'li normalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu hemmhekk' għandhom jirriferu għal persuna li tħaddem li ordinarjament twettaq attivitajiet sostanzjali, minbarra attivitajiet purament interni ta' ġestjoni".

[17] Sakemm it-tul ta' ħin mistenni mix-xogħol ma jaqbiżx l-24 xahar u sakemm il-persuna kkollokata ma ntbagħtitx biex tissostitwixxi ħaddiem ieħor.

[18] Ir-*rabta organika* ma timplikax neċessarjament kuntratt ta' xogħol, skont is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2016, Betriebsrat der Ruhrlandklinik (C-216/15, EU:C:2016:883, punt 36): "limitazzjoni tal-kunċett ta' 'ħaddiem' fis-sens tad-Direttiva 2008/104 għall-persuni li jaqgħu taħt dan il-kunċett skont id-dritt nazzjonali, b'mod partikolari dawk li huma marbuta minn kuntratt ta' xogħol mal-aġenzija ta'xogħol temporanju, tista' tpoġġi fil-perikolu t-twettiq ta'dawn l-għanijiet u, għaldaqstant, tippreġudika l-effett utli ta' din id-direttiva billi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi ristrett b'mod eċċessiv u inġustifikat".

[19] B'mod ġenerali, is-sentenza Altun (punt 34), li tiċċita l-ġurisprudenza.

[20] Madankollu, il-kwistjoni ma hijiex paċifika fil-kawża prinċipali, fejn l-awtorità amministrattiva tikkontesta l-eżistenza ta' rabta organika bejn Team Power u l-ħaddiem.

[21] Kawża 35/70, EU:C:1970:120; iktar 'il quddiem is-"sentenza Manpower". Billi interpretat predeċessur imbiegħed tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004 (jiġifieri l-Artikolu 13(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3, tat-25 ta' Settembru 1958, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 24/64, tat-10 ta' Marzu 1964 (ĠU 1964, 47, p. 746)), is-sentenza Manpower ikkonkludiet li r-riferiment għal din id-dispożizzjoni "għall-istabbiliment li jinsab fl-Istat fejn hija stabbilita l-impriża u li minnha jiddependi l-ħaddiem huwa intiż essenzjalment sabiex jillimita l-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni biss għall-ħaddiema impjegati minn *impriżi li normalment jeżerċitaw l-attività tagħhom* fit-territorju tal-Istat li fih huma stabbiliti" (sentenza Manpower, punt 16, korsiv miżjud).

47. Billi inkluda din il-mitigazzjoni f'test leġiżlattiv, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta żewġ preċiżazzjonijiet li kienu saru mill-Qorti tal-Ġustizzja: dawn għandhom ikunu "attivitajiet sinjifikattivi" [22] u mhux "attivitajiet [...] sempliċiment ta' ġestjoni interni" [23].

48. Billi l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 987/2009 isemmi t-twettiq abitwali ta' "attivitajiet *sostanzjali*, minbarra attivitajiet purament interni ta' ġestjoni" [24], il-leġiżlatur ried għalhekk jenfasizza n-natura *kwalitattiva* tal-espressjoni "attivitajiet *sinifikattivi*" użata fis-sentenza FTS u fis-sentenza Plum.

49. Għaldaqstant, dak li huwa determinanti ma huwiex in-numru tal-attivitajiet eżerċitati, iżda r-rilevanza tagħhom sabiex jiġu ddefiniti dawk li jikkostitwixxu l-għan proprju u karatteristiku tal-impriża li timpjega. Meta din tal-aħħar tkun ITT, għandu jsir riferiment għall-karatteristiċi speċifiċi tagħha, kif għamlet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza FTS.

50. Skont dik is-sentenza, huwa "obbligatorju li jiġu eżaminati l-kriterji kollha li jikkaratterizzaw l-attivitajiet eżerċitati minn [ITT]" [25]. Fost dawn il-kriterji hemm, "b'mod partikolari" u mingħajr natura eżawrjenti [26], dawk li, fil-biċċa l-kbira, sussegwentement ġew riprodotti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/67 [27].

51. Fost dawn il-kriterji, ma jidhirx li l-ITT hija mġiegħla tiżviluppa l-parti l-kbira tal-attività tagħha billi toffri ħaddiema lil ċessjonarji stabbiliti fl-Istat fejn hija stess għandha s-sede tagħha. Madankollu, dan jidher f'deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva, bħal dik Nru 128 tas-17 ta' Ottubru 1985 [28] dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1)(a) u tal-Artikolu 14b(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71.

52. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li tali deċiżjonijiet jorbtuha, anki jekk jistgħu jkunu utli għall-istituzzjonijiet li għandhom japplikaw id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali [29]. Barra minn hekk, is-sentenza FTS ma kinitx tirrifletti dan ir-rekwiżit b'mod partikolari, minkejja li kien diġà jidher fid-Deċiżjoni Nru 128 tal-1985 u fid-Deċiżjoni Nru 162/1996 [30].

53. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha tikkjarifika jekk din il-kundizzjoni partikolari hijiex rekwiżit mhux skużabbli għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża.

[22] Sentenza FTS, punti 40, 42 u 45, u s-sentenza Plum, punt 21.

[23] Sentenza Plum, punt 22.

[24] Korsiv miżjud.

[25] Sentenza FTS, punt 42.

[26] Sentenza FTS, punt 43.

[27] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 14 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fis-sentenza FTS, punt 43, huma ċċitati "l-uffiċċju reġistrat tal-impriża u tal-amministrazzjoni tagħha, l-impjegati amministrattivi li jaħdmu rispettivament fl-Istat Membru ta' stabbiliment u fl-Istat Membru l-ieħor, il-post ta' reklutaġġ tal-ħaddiema kkollokati u fejn il-parti l-kbira tal-kuntratti huma konklużi mal-klijentela, il-liġi applikabbli għall-kuntratti ta' xogħol konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha, min-naħa, u mal-klijenti tagħha, min-naħa l-oħra, kif ukoll id-dħul mill-bejgħ imwettaq matul perijodu sinjifikattiv f'kull Stat Membru inkwistjoni".

[28] ĠU 1986, C 141, p. 6, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Nru 128 tal-1985". L-ewwel inċiż tal-punt 2(b)(ii) tad-Deċiżjoni Nru 162 tal-1996 jinsab fuq l-istess linja.

[29] Fl-intier tagħha, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-356/15, EU:C:2018:555, punt 110), li tiċċita l-ġurisprudenza. L-istess japplika fil-każ tal-Gwida prattika: sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Inspecteur van de Belastingdienst (C-631/17, EU:C:2019:381), punt 41.

[30] Jista' jkun sinjifikattiv li, wara li ngħatat is-sentenza FTS, ir-rekwiżit ma kienx diġà ġie rikonoxxut fid-Deċiżjoni Nru 181 tat-13 ta' Diċembru 2000 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(1), tal-Artikolu 14a(1) u tal-Artikolu 14b(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-ħaddiema kkollokati u għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom li temporanjament jeżerċitaw attività barra mill-Istat kompetenti (ĠU 2001, L 329, p. 73).

54. Infakkar li, kif sostna l-Gvern Franċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddefinixxietx fiex jikkonsistu l-*attivitajiet sostanzjali* ta' ITT. Is-sentenza FTS ma indirizzatx il-kontenut ta' dan it-tip ta' attivitajiet u għalhekk ma tippermettix li jiġu identifikati l-limiti sostantivi minn dawk ta' sempliċi ġestjoni interna.

55. Il-kriterji elenkati fis-sentenza FTS jippreżupponu, fir-realtà, li hemm kontenut sostanzjali, iżda ma jispjegawhx. L-utilità tagħha hija għalhekk relattiva jekk, qabel, ma jkunx ippreċiżat fiex jikkonsistu l-attivitajiet *ikkaratterizzati* minn tali kriterji [31].

56. B'hekk, pereżempju, ir-rilevanza tal-post tax-xogħol tal-persunal amministrattiv tal-ITT tiddependi mill-piż li tista' jkollha l-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-eżerċizzju ta' dan it-tip ta' impriżi, li jimpjegaw ħaddiema sabiex iqegħduhom għad-dispożizzjoni ta' oħrajn. L-importanza ta' dan il-fattur ma hijiex l-istess fil-każ ta' kostruttur jew ta' impriża ta' tindif bħal dak ta' ITT.

57. Għalhekk għandu jiġi ddeterminat liema hija l-attività karatteristika (sostanzjali) ta' ITT jew, bħala espressjoni tal-Gvern Franċiż, liema hija l-"qalba tax-xogħol" ta' dawn it-tipi ta' impriżi.

### *2. Attività sostanzjali u attività ta' ġestjoni interna tal-ITT*

58. Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-attività karatteristika ta' ITT hija li tipprovdi ħaddiema għad-dispożizzjoni ta' impriża utenti jew ċessjonarja.

59. Dan il-kompitu jeħtieġ, loġikament, sensiela ta' *attivitajiet preparatorji* ta' selezzjoni u ta' reklutaġġ ta' persunal, li l-Gvernijiet intervenjenti fil-proċedura jinkludu bħala sempliċi ġestjoni interna. Team Power u l-Kummissjoni jsostnu, għall-kuntrarju, li dawn l-attivitajiet preparatorji jifformaw parti mill-attività sostanzjali tal-ITT u li għalhekk jikkwalifikaw l-attività tipika ta' dawn tal-aħħar.

60. B'koerenza mal-premessi rispettivi tagħhom:

– il-Gvernijiet ipparagunati [32] jsostnu li Team Power teżerċita abitwalment l-attività tagħha fil-Bulgarija (l-Istat Membru fejn hija stabbilita) biss jekk tqiegħed ħaddiema għad-dispożizzjoni ta' impriżi b'sede f'dan il-pajjiż;

– il-Kummissjoni u Team Power isostnu li l-eżerċizzju tal-attivitajiet preparatorji ċċitati iktar 'il fuq fit-territorju tal-Bulgarija huwa suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-ITT abitwalment teżerċita l-attività tagħha f'dan l-Istat Membru.

61. Il-prinċipji ġenerali tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam ġew elaborati fil-kuntest ta' kawżi li fihom il-ħaddiema kienu tqiegħdu għad-dispożizzjoni minn ITT [33] jew ġew ikkollokati minn impriża ta' kostruzzjoni [34]. Fil-fehma tiegħi, il-kuntrast bejn l-*attivitajiet karatteristiċi* ta' dawn iż-żewġ tipi ta' persuni li jimpjegaw jista' jkun illustrattiv sabiex jiġu identifikati l-limiti tal-*attivitajiet sostanzjali* rispettivi tagħhom.

[31] Is-sentenza FTS stess tinsisti fuq il-fatt li "l-għażla tal-kriterji għandha tiġi adattata għal kull każ partikolari" (punt 43).

[32] Pereżempju, il-Gvern Finlandiż, li jsostni li l-provvista ta' ħaddiema u ż-żamma tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-Istat ta' trażmissjoni ma humiex biżżejjed sabiex juru attività sinjifikattiva f'dan tal-aħħar. Fl-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk ITT teżerċitax attivitajiet sinjifikattivi fl-Istat ta' trażmissjoni, għandu jiġi impost fuqha li tipprovdi ħaddiema lill-impriżi ċessjonarji bis-sede f'dan l-istess Stat.

[33] B'mod partikolari, is-sentenza FTS, kif ukoll is-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Vicoplus *et* (C-307/09 sa C-309/09, EU:C:2011:64).

[34] Sentenzi Manpower, Plum u Altun.

62. L-attività karatteristika tal-impriżi ta' kostruzzjoni hija, preċiżament, it-twettiq ta' xogħol fiżiku. Sabiex jimplimentawha, huma għandhom iwettqu sensiela ta' xogħlijiet preliminari (pereżempju, l-akkwist ta' materjal u s-selezzjoni u r-reklutaġġ ta' ħaddiema) li, min-naħa tagħhom, jeħtieġu struttura organizzattiva u amministrattiva.

63. B'mod partikolari, is-selezzjoni u r-reklutaġġ ta' ħaddiema jirrappreżentaw, għall-impriżi ta' kostruzzjoni, attività *strumentali,* sempliċi ġestjoni interna, meta mqabbla mal-għan ewlieni tagħhom. Din l-attività hija strumentali fis-sens li għandhom bżonn ħaddiema sabiex jibnu, iżda din ma hijiex l-attività li tiddefinixxihom bħala impriżi ta' kostruzzjoni.

64. Il-post fejn impriża ta' kostruzzjoni teżerċita l-attività sostanzjali tagħha huwa loġikament dak fejn hija tibni l-kostruzzjonijiet tagħha. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dawn it-tipi ta' impriżi ma jistgħux jibbenefikaw mill-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004 meta jibagħtu l-ħaddiema tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor (minbarra dak li fih huma stess huma stabbiliti) fejn fih jeżegwixxu "*l-attivitajiet kollha tagħhom*, bl-eċċezzjoni ta' dawk ta' ġestjoni purament interni" [35].

65. Is-selezzjoni, ir-reklutaġġ ta' ħaddiema – li, nirrepeti, huma strumentali meta mqabbla mal-attività ta' definizzjoni ta' impriża ta' kostruzzjoni – huma l-funzjonijiet karatteristiċi u speċifiċi tal-ITT [36]. Jekk l-impriża ta' kostruzzjoni hija dik li tibni, l-ITT hija preċiżament dik li tipprovdi lill-impriżi l-oħra ħaddiema magħżula minn qabel u rreklutati minnha.

66. Is-selezzjoni u r-reklutaġġ ta' ħaddiema huma, għalhekk, inerenti għall-attività ta' trasferiment (tqegħid għad-dispożizzjoni) ta' ħaddiema. Din hija attività kontinwa, fejn kemm il-mument ta' tqegħid għad-dispożizzjoni, fis-sens strett tal-kelma, kif ukoll dak tal-proċess li jippermetti s-selezzjoni tal-persuna li x-xogħol tagħha huwa offrut bħala disponibbli, huma rilevanti. Għall-ITT, is-selezzjoni u r-reklutaġġ ta' ħaddiema huma importanti daqs l-attività ta' tfittxija ta' ċessjonarji li lilhom jiġu pprovduti.

67. Huwa għalhekk li naqbel mal-Kummissjoni li, għall-ITT, il-kundizzjoni meħtieġa mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004 hija ssodisfatta malli huma jkollhom ċertu numru ta' impjegati li l-funzjoni tagħhom tikkonsisti f'li jagħżlu ħaddiema li għandhom jitqiegħdu temporanjament għad-dispożizzjoni taċ-ċessjonarji stabbiliti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, u mhux biss jew mhux prinċipalment f'dak fejn hija stabbilita l-ITT stess.

68. Għalhekk, għandha ssir distinzjoni bejn: (a) l-impjegati tal-ITT li għandhom l-inkarigu li jagħżlu, li jirreklutaw u li joffru ħaddiema lill-impriżi ċessjonarji; u (b) il-ħaddiema li huma selezzjonati u rreklutati u li, filwaqt li jżommu rabta organika mal-ITT, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dawn l-impriżi ċessjonarji. Jekk tal-ewwel huma dawk li jeżerċitaw l-attività karatteristika tal-ITT, tat-tieni huma s-suġġett tas-servizz ipprovdut mill-ITT.

35 Sentenza Plum, punt 22. Mingħajr ma dan ġie enfasizzat fl-oriġinal.

36 Skont il-Gvern Finlandiż, anki jekk jiġi aċċettat li l-provvista ta' ħaddiema tippreżupponi attività inerenti għall-ITT, dan huwa xogħol speċifiku għall-impriżi kollha, b'mod li l-kriterju rilevanti jista' jkun biss dak tal-post fejn joperaw l-impriżi li lilhom l-ITT jipprovdu s-servizzi tagħhom. Dan l-approċċ ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li, minkejja li l-impriżi kollha jirreklutaw persunal sabiex jeżerċitaw l-attività tagħhom, karatteristika tal-ITT hija ġustament li huma jirreklutawh sabiex jittrasferixxuh lil oħrajn. Għal dawn tal-aħħar, dak li huwa aċċessorju għall-attività karatteristika tagħhom, għall-ITT jirrappreżenta l-attività prinċipali tagħhom. Għalhekk l-importanza tiegħu bħala kriterju sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn l-ITT jeżerċitaw din l-attività prinċipali.

69. Ladarba tiġi aċċettata l-preżenza ta’ ITT, bħala fornituri leġittimi ta’ servizz (dak li jipprovdu ħaddiema fuq bażi ċiklika lil operaturi ekonomiċi oħra)[37], dan is-servizz jista’ juri dimensjoni tranżnazzjonali u li jibbenefika mil-libertà ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE. F’dan l-istess punt, restrizzjonijiet indebiti ma jistgħux jiġu invokati kontriha.

70. Bla ħsara għall-kunsiderazzjonijiet li ser nagħmel immedjatament fuq il-ġlieda kontra l-abbuż u l-frodi f’dan il-qasam, ma għandux jintesa li l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004 “għand[u] l-għan, b’mod partikolari, li [j]jippromwovi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-benefiċċju tal-impriżi li jagħmlu użu minnha billi jibagħtu lil xi ħaddiema fi Stati Membri oħra għajr dak li jkunu stabbiliti fih. Tali dispożizzjoni għaldaqstant hija intiża li tegħleb l-ostakoli li jistgħu jxekklu l-moviment liberu tal-ħaddiema u wkoll li tiffavorixxi l-interpenetrazzjoni ekonomika billi tevita l-kumplikazzjonijiet amministrattivi, b’mod partikolari għall-ħaddiema u għall-impriżi”. Huwa wkoll f’dan il-kuntest li l-azzjoni tal-ITT tista’ tiġi rregolata[38].

71. Sabiex jiġi vverifikat jekk l-attività tal-impjegati tal-ITT li jagħżlu, jirreklutaw u li joffru ħaddiema sseħħx fl-Istat ta’ trażmissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jibbażaw fuq ċerti kriterji stabbiliti fis-sentenza FTS, jiġifieri: (a) l-uffiċċju reġistrat tal-ITT; (b) id-domiċilju tal-amministrazzjoni tagħha; il-volum ta’ persunal li jaħdem fl-Istat Membru ta’ stabbiliment tal-ITT u fi Stati Membri oħra; u (d) il-post fejn l-ITT tirrekluta l-ħaddiema li tagħhom toffri x-xogħol.

72. Il-kriterji elenkati iktar ’il fuq ma humiex il-kriterji kollha elenkati fis-sentenza FTS: jonqos dawk dwar il-post tal-konklużjoni tal-kuntratti konklużi mill-ITT maċ-ċessjonarji, dawk li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għal dawn il-kuntratti u dak li jikkonċerna d-dħul mill-bejgħ imwettaq fl-Istat ta’ trażmissjoni u fi Stati Membri oħra.

73. Fil-fehma tiegħi, dawn it-tliet kriterji tal-aħħar ma jippermettux li tiġi stabbilita r-rabta effettiva tal-ITT mal-Istat ta’ trażmissjoni: tali rabta tiddependi pjuttost fuq is-selezzjoni, ir-reklutaġġ u l-offerta ta’ ħaddiema f’dan l-Istat Membru mill-impjegati li jeżerċitaw l-attività karatteristika tal-ITT innifisha.

74. B’mod partikolari, il-kriterju tad-dħul mill-bejgħ jista’ jintuża sabiex jiġi stabbilit il-post tal-provvista ta’ ħaddiema, iżda mhux sabiex jiġi identifikat fejn issir is-selezzjoni u r-reklutaġġ tal-ħaddiema li jkunu ser jiġu ttrasferiti, ħaġa li, ninsisti, tikkostitwixxi l-qalba tal-attività karatteristika tal-ITT.

75. Meta tiġi vverifikata r-rabta effettiva tal-ITT mal-Istat ta’ trażmissjoni fejn hija stabbilita, il-kriterji tas-sentenza FTS li semmejt fil-punt 71 huma verament importanti. L-oħrajn ma humiex irrilevanti: huma jista’ jkollhom tali rabta, iżda mhux sabiex jipprovaw din ir-rabta, iżda sabiex jiġi evitat l-abbuż jew il-frodi ta’ liġi.

76. Fil-qosor, jekk l-attività *sostantiva* tal-ITT (jiġifieri dik li jintgħażlu ħaddiema sabiex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriżi ċessjonarji) tiġi eżerċitata fl-Istat ta’ trażmissjoni, fejn l-ITT għandha riżorsi personali u struttura organizzattiva li josservaw il-kriterji tas-sentenza

[37] L-ammissjoni tal-ITT fid-dritt tal-Unjoni sabet reżistenza fl-Istati Membri li l-leġiżlazzjonijiet tagħhom kienu sa issa jipprojbixxu, jew saħansitra jikkwalifikaw, l-attività ta’ tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema bħala reat ta’ trasferiment illegali ta’ ħaddiema.

[38] Sentenza tal-25 ta’ Ottubru 2018, Walltopia (C-451/17, EU:C:2018:861, punt 38). Fl-istess sens, is-sentenza FTS (punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

FTS, il-proporzjon bejn wieħed u ieħor kbir ta' ħaddiema li l-ITT tikkolloka fi Stat Membru ieħor, meta mqabbel ma' dawk li hija tittrasferixxi, jekk ikun il-każ, lil impriżi stabbiliti fil-Bulgarija, huwa irrilevanti.

### *C. Abbuż u frodi*

77. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]l-prinċipju tal-projbizzjoni tal-frodi u tal-abbuż tad-dritt […] jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-osservanza tiegħu hija meħtieġa mill-individwi", għaliex "l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri l-operazzjonijiet li jitwettqu bil-għan li jibbenefikaw b'mod frawdolenti jew abbużivament mill-vantaġġi previsti mid-dritt tal-Unjoni" [39].

78. Provvista ta' servizzi intiża sabiex tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriżi oħra ħaddiema ssir fuq "art partikolarment sensittiv mill-perspettiva professjonali u soċjali", peress li, "[m]inħabba n-natura partikolari tar-relazzjonijiet ta' xogħol inerenti għal dan it-tip ta' attività, l-eżerċizzju tagħha jaffettwa direttament kemm ir-relazzjonijiet fis-suq tax-xogħol kif ukoll l-interessi leġittimi tal-ħaddiema kkonċernati" [40].

79. Għaldaqstant, l-ITT għandhom jiġu preklużi milli jużaw b'mod frawdolenti l-possibbiltà offruta lilhom mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004. Tali possibbiltà ma tistax tippreġudika d-dritt tal-ħaddiema kkollokati li jibbenefikaw mis-sistema ta' sigurtà soċjali fis-seħħ fl-Istat Membru ta' impjieg, li hija r-regola ġenerali [41].

80. Dan jista' jkun il-każ jekk, bil-ħolqien ta' ITT, "tiffaċilita l-possibbiltà għall-impriżi li jagħmlu użu minn arranġamenti purament artifiċjali sabiex jużaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bl-uniku għan li jieħdu vantaġġ mid-differenzi eżistenti bejn is-sistemi nazzjonali [tas-sigurtà soċjali]" [42]. F'każ bħal dan, ITT tista' tiġi kklassifikata bħala sempliċi kumpannija "kaxxa postali" jew "skrin" [43], intiża sabiex taħbi trasferiment ta' ħaddiema fi ħdan l-istess operatur ekonomiku li jipprevalixxi ruħu minnha u, b'hekk, li jevita l-ħlas ta' salarji u ta' kontribuzzjonijiet soċjali iktar onerużi fl-Istat ta' impjieg.

81. Issa, l-għan li jiġi evitat l-abbuż fil-konklużjoni ta' kuntratti ta' xogħol minn ITT "ma [jistax jiġġustifika] esklużjoni kważi ġenerali ta' din il-forma ta' xogħol, bħal, pereżempju, il-projbizzjoni ta' xogħol temporanju f'kull settur ekonomiku […] fin-nuqqas ta' kwalunkwe ġustifikazzjoni oġġettiva oħra. […] [M]iżura intiża għall-prevenzjoni tal-abbuż fl-eżerċizzju ta' dritt ma tistax tkun l-ekwivalenti tal-innegar tad-dritt inkwistjoni" [44].

39 Sentenza Altun (punt 49), b'ċitazzjoni ta' ġurisprudenza.

40 Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1981, Webb (279/80, EU:C:1981:314, punt 18). Huwa b'dan il-mod li l-interess tad-Direttiva 2008/104 huwa, kif tiddikjara l-premessa 12 tagħha, li tistabbilixxi "qafas protettiv għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija li huwa nondiskriminatorju, trasparenti u proporzjonat, filwaqt li tirrispetta d-diversità tas-swieq tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali".

41 Sabiex jibbenefikaw minn din is-sistema ta' sigurtà soċjali, il-ħaddiema li għandhom jiġu kkollokati għandu jkollhom, loġikament u minn qabel, kuntratt ta' xogħol fl-Istat ta' residenza tagħhom. L-ITT jistgħu jestendu l-possibbiltajiet ta' aċċess għas-suq tax-xogħol (anki jekk fi Stat Membru ieħor u fuq bażi temporanja) ta' ħaddiema ġodda, jew ta' kandidati bl-aħjar kundizzjonijiet, sakemm dawn l-impriżi josservaw ir-regoli li jirregolaw l-attività tagħhom. Dan huwa ppreċiżat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/104, li jipprovdi li huma għandhom "jikkontribwixx[u] b'mod effettiv għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol".

42 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, AFMB (C-610/18, EU:C:2020:565, punt 69).

43 Skont it-termini użati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2007, Planzer Luxembourg (C-73/06, EU:C:2007:397, punt 62), sabiex tirreferi għall-impriżi li jagħmlu installazzjoni purament fittizja.

44 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża AKT (C-533/13, EU:C:2014:2392, punt 122).

82. Għaldaqstant, għandu jiġi bbilanċjat l-użu leġittimu, mill-ITT, tal-libertà tagħhom li jipprovdu servizzi lill-impriżi utenti stabbiliti fi Stati Membri oħra (li jqiegħdu temporanjament għad-dispożizzjoni tagħhom il-ħaddiema) u l-ġlieda kontra l-frodi jew l-abbuż ta' liġi[45].

83. Barra minn hekk, infakkar li, għall-Qorti tal-Ġustizzja, "il-fatt li s-sede, statutorja jew reali, ta' kumpannija tiġi stabbilita konformement mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru bil-għan li tibbenefika minn leġiżlazzjoni iktar vantaġġuża, ma huwiex fih innifsu biżżejjed biex tiġi konkluża l-eżistenza ta' abbuż"[46].

84. ITT tista' għalhekk, bħala regola ġenerali, tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru li għandu l-leġiżlazzjoni li tqis l-iktar favorevoli sabiex tittrasferixxi hemmhekk temporanjament lill-ħaddiema tagħha lill-impriżi ta' Stati oħra, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi.

85. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw, fl-ewwel lok, li l-ITT għandha struttura amministrattiva suffiċjenti, li tagħżel u tirrekluta ħaddiema permezz ta' persunal proprju fit-territorju tal-Istat Membru li minnu topera. Barra minn hekk, għandhom jivverifikaw li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat.

86. Fit-tieni lok, għandha tiġi żgurata r-realtà u l-kontinwità tar-rabta organika bejn l-ITT u l-ħaddiem li hija tqiegħed għad-dispożizzjoni taċ-ċessjonarju[47]. Dan tal-aħħar "immedjatament qabel il-bidu tal-kollokament tagħha, din il-persuna għandha tkun diġà suġġetta għal-leġiżlazzjoni [ta' sigurtà soċjali] tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegaha"[48].

87. It-tielet nett, dawn l-istess awtoritajiet jistgħu jieħdu bħala indikazzjoni ta' rieda possibbilment frawdolenti li l-ITT tipprovdi biss ħaddiema lil impriża waħda jew ftit, b'mod partikolari, li jinsabu fi Stat ta' impjieg wieħed differenti minn dak fejn hija stabbilita l-ITT innifisha, li magħha jew magħhom ikollha rabtiet sinjifikattivi (azzjonisti jew ta' natura simili).

88. Ċertament, it-talba għal ħaddiema pprovduti mill-ITT hija ferm inugwali fl-Unjoni kollha[49]. Għalhekk wieħed ma jistax jistenna li l-ITT kollha jindirizzaw l-offerta tagħhom lill-Istati Membri kollha. Il-prossimità ġeografika tista' għalhekk tkun fattur importanti sabiex jiġu identifikati l-limiti tas-suq li fih huma jiddeċiedu li jiżviluppaw.

89. F'din il-kawża, Team Power issostni li l-ħaddiema li hija tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' ċessjonarji possibbli huma komposti minn ħaddiema Bulgari, residenti fil-Bulgarija, li huma "fuq kollox" ikkollokati ma' impriżi stabbiliti fil-Ġermanja[50]. Madankollu, hija ssostni li, għalkemm ma tikkollokax ħaddiema fi Stati Membri oħra, dan huwa essenzjalment minħabba l-prattika tal-awtoritajiet Bulgari li hija fl-oriġini tal-kawża prinċipali[51].

[45] Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Estonjan, l-argument li nsostni ma jimplikax "interpretazzjoni estensiva" tal-eċċezzjoni kontenzjuża, li twassal għal riskju ikbar ta' frodi u ta' abbuż. Ma hemmx lok li tiġi *estiża* għall-ITT interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 987/2009 li, fiha nnifisha, ma tkoprihomx, iżda li tiġi applikata għall-ITT dispożizzjoni li l-interpretazzjoni tagħha tkoprihom naturalment.

[46] Sentenzi tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punt 27); tat-30 ta' Settembru 2003, Inspire Art (C-167/01, EU:C:2003:512, punt 96); u tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo (C-106/16, EU:C:2017:804), punt 40.

[47] Ara l-punti 42 u 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, kif ukoll in-noti ta' qiegħ il-paġna 18, 19 u 20.

[48] Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2018, Walltopia (C-451/17, EU:C:2018:861, punt 35).

[49] Skont id-data pprovduta minn Team Power, id-differenza hija ta' 5.9 % ta' ħaddiema impjegati permezz ta' ITT fis-Slovenja għal 0.2 % fil-Greċja (punt 11.2 tal-osservazzjonijiet tagħha).

[50] Punti 2.6 u 2.7 tal-osservazzjonijiet ta' Team Power.

[51] *Loc. ult. cit.* Il-Gvern Bulgaru jikkontesta li l-provvista ta' ħaddiema lill-impriżi stabbiliti fil-Ġermanja tirrappreżenta "il-metodu ta' xogħol abitwali ta' Team Power".

90. Jekk tqis li huwa neċessarju, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina dan il-punt u, miegħu, iċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jistgħu jeliminaw is-suspett ta' frodi jew ta' abbuż fit-talba intiża għall-benefiċċju tal-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004[52].

91. Bl-esklużjoni tal-abbuż u tal-intenzjoni frawdolenti, xejn ma jipprekludi li ITT bis-sede fil-Bulgarija tibbenefika mill-eċċezzjoni kontenzjuża sabiex tipprovdi s-servizzi tagħha lil ċessjonarji ta' Stati Membri oħra, anki jekk hija ma tipprovdix parti sinjifikattiva ta' dawn is-servizzi lil impriżi stabbiliti fil-Bulgarija.

## VI. Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi lill-Administrativen sad – Varna (il-Qorti Amministrattiva ta' Varna, il-Bulgarija) kif ġej:

"L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li, sakemm ma tiġix ikkonstatata l-preżenza ta' frodi jew ta' abbuż, sabiex jiġi evalwat jekk impriża ta' xogħol temporanju teżerċitax normalment l-attivitajiet tagħha fl-Istat Membru li fih hija stabbilita, ma huwiex indispensabbli li parti sostanzjali tal-attività tagħha ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema sseħħ għas-servizz ta' impriżi ċessjonarji stabbiliti fl-istess Stat Membru."

52 Waqt is-seduta, il-Gvern Bulgaru eskluda l-eżistenza ta' frodi jew ta' abbuż fl-aġir ta' Team Power. Dan enfasizza li, fil-fehma tiegħu, il-kawża ma tirrigwardax suspett ta' dan it-tip, iżda esklużivament l-interpretazzjoni, f'termini oġġettivi, tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 883/2004.